Minuti ta' l-14 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli Depasquale

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-12 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tat-13 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Policy tal-Kmamar tan-Nar**

2.1 Din il-materja ser tithalla ghad-diskussjoni jekk jkun hemm xi punti li jitqajjmu mill-Kunsilliera.

2.2 Emanuel Muscat semma li wahda minn dawn il-punti tirrigwardja d-distanza bejn l-istrong room u l-kmamar l-ohra bhala mezz ta' sigurta' ghal min jkun qed jahdem f'dawn il-postijiet.

**3.0 *Bye-Law* – Regolamenti dwar iz-Zbir ta' Sigar u Pjanti u Tindif tal-Weraq**

3.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qrat il-punti imsemmija fid-draft tal-*Bye-Law* dwar ir-regolamenti dwar iz-zbir ta' sigar u pjanti u t-tindif tal-weraq li giet ippreparata mill-Avukat Dr. Damian Bigeni.

3.2 Lisa Marie Brooke gibdet l-attenzjoni li din il-*Bye-Law* ghandha tirreferi ghall-pjanti li jinstabu fuq il-bankina u mhux iktar il-gewwa fil-fond.

1.1 Is-Sindku gibed l-attenzjoni li hafna mas-sidien li ser ikunu involuti ma jkunux hawn is-sena kollha. Il-*Bye-Law* kif qeghda tkun prezentata tirreferi ghall-hlasijiet. Is-Sindku qal li trid tittiehed decizzjoni mill-Kunsill jekk din tridx tapplika f'kaz ta' bankini jew quddiem il-propjeta'. F'dan ir-rigward il-Vici Sindku qal li mhux kull post xorta u l-effett ikun fil-fatt differenti minn post ghall-iehor.

1.2 Emanuel Muscat qal li huwa ma jaqbilx li ghandu ikun hemm *deposit* imma tapplika biss multa f'kaz ta' nuqqas ta' osservazzjoni tal-*Bye-Law* filwaqt li ghandu jigi identifikat liema huma l-pjanti li huma ammissibli u liema m'humiex. Il-Kunsill qabel ma' dan il-punt.

1.3 Kien innutat li l-ikbar percentagg mit-tindif tat-toroq ikun propju dawn il-pjanti li jwaqqghu hafna weraq fit-triq.

1.4 Il-Kunsill qabel li t-tariffi ghandhom jitnehhew, jigu inkluzi l-pjanti kollha b'ebda eccezzjoni u jirrigwardjaw biss it-toroq fiz-zoni abittabli.

1.5 Emanuel Muscat isuggerixxa li dawn m'ghandhomx jaqbzu 'l barra aktar minn 3 pulzieri u mhux gholja iktar minn 3 metri. Huwa importanti ukoll li ma jaqbzux 'il barra aktar mill-bankina, filwaqt li l-multa ghandha tiddependi mill-hin involut sabiex il-Kunsill jirranga dak li ma jkunx ghamel is-sid.

1.6 Il-Kunsill qabel li ghandha tinzamm somma amministrattiva kif ukoll somma ghax-xoghol li jkun sar, spejjez ta' dumping, spejjez ta' kiri ta' apparat skond il-htiega kif ukoll kwalunkwe spiza ohra extra bhal ma huma l-ispjejjez mitluba mill-korporazzjonijiet sabiex isir ix-xoghol mehtieg.

**2.0 *Bye-Law* – Regolamenti dwar il-garr ta' xogholijiet tan-Nar u Esplozivi ohra**

2.1 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qrat il-punti imsemmija fid-draft tal-*Bye-Law* dwar ir-regolamenti dwar il-garr ta' xogholijiet tan-nar u esplozivi ohra li giet ippreparata mill-Avukat Dr. Damian Bigeni.

2.2 Kien innotat li fil-*Bye-Law* proposta ma jissemmewx it-toroq minn fejn jrid li jintalab il-permess. Kien suggerit li huma jithallew jghaddu mit-toroq mhux abitabbli u t-toroq l-ohra kollha jkunu jridu permess jew inkellha jehlu penali.

2.3 Il-Kunsill qabel m'ghandux ikun hemm spejjez marbuta sabiex ma jkunx hemm lok ta' abbuz u kulhadd jigi jitlob il-permess. Meta wiehed jitlob il-permess ghandu jipprovi licenzja personali li jahdem in-nar fejn f'dan ir-rigward ghandha tintalab parir lil Avukat sabiex

titnizzel liema licenzja ghandha tintalab, insurance, licenzja u ritratti tal-vettura li ser tigi uzatt u permess bil-miktub minghand il-pulizija.

2.4 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li ghandu jigi specifikat li din ma tapplikax fil-kaz tas-servizz tal-gaz u tal-fuel li jintuza ghal *heating* tad-djar.

**3.0 Safra Sqallija – Youth Project**

5.1 Is-Sindku spjega li dan il-progett gie estiz u li l-*lead partners* ser jaghtuna data ohra ta' meta ser tigi organizzata din is-safra.

**4.0 Karnival**

4.1 Is-Sindku spjega li din is-sena huma ftit il-gruppi li ser jippartecipaw ghall-Karnival li fosthom hemm skejjel u baned.

4.2 Lisa Marie Brooke issugeriet sabiex il-Karnival jigi organizzat b'mod tradizzjonali bhal ma kien isir fl-antik u jigu mistiedna tal-*hotdogs* sabiex jigu attirati aktar nies. Hija issuggerit ukoll sabiex wahda mill-kompetizzjonijiet tkun ghall-isbah ragel li jilbes ta' mara u vici-versa.

4.3 Il-Vici Sindku issugerixxa sabiex ikun hawn persuni li jilbsu ta' maskarati u jghaddu mit-toroq matul hin partikolari waqt is-serata u n-nies iridu jghidu min huma.

4.4 Is-Sindku issugerixxa li ghandhom isiru avvizi fejn jigu provduti formoli wahda ghal min ser ikun qed jilbes ta' maskarat u ohra ghal min ser jghid min hu l-maskarat. Il-partecipanti iridu ikunu minn 8 snin 'il fuq.

4.5 Is-Sindku issugerixxa ukoll li ghandha isir kompetizzjoni tal-*hotdogs* fejn min jiekol l-iktar *hotdogs* jirbah. Huwa issugerixxa li ghandhom jigi ikkuntatjat l-ammbaxatur taz-zaghazgh u l-kumitat tal-Briju tal-festa sabiex isir ftehim maghhom u jghinu fl-organizazzjoni ta' din il-kompetizzjoni taht id-direzzjoni u istruzzjonijiet tal-Kunsill Lokali.

4.6 Il-Kunsill qabel li d-data tal-Karnival ghandha tkun il-Gimgha 21 ta' Frar, 2014.

## 5.0 Performance Bonus

5.1 Is-Sindku u Lisa Marie Brooke iddikjaraw li ghandhom interess familjari u irtiraw mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ippresieda l-Vici Sindku. Il-Kunsill approva il-hlas ta' Performance Bonuses lis-Segretarju Ezekuttiv ta' 10% kif ukoll 6% ghal perijodu minn Jannar sa Gunju lill-iskrivana u 10% lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghal perijodu minn Lulju sa Dicembru.

## 6.0 Materji ohra

8.1 Lisa Marie Brooke qalet li l-isqaq fejn il-kazin tal-Banda jinstab fi stat disastruz u fi bzonn ta' manutenzjoni.

8.2 Il-Vici Sindku semma li fi Triq Tumas Cassar hemm toqob fi triq u hemm bzonn li jsir manutenzjoni fuqhom.

8.3 Il-Vici Sindku qal li l-mera ta' fejn tas-Sajf Supermarket qeghda dejjem tkun imdawra x'aktarx min-naha tat-trakkijiet li jigu bix-xoghol u huwa ghalhekk li hemm bzonn li din titla' ftit 'il fuq u tehel b'tali mod li ma tergax ticcaqlaq.

8.4 Emanuel Muscat staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-*patching* ta' Triq Karmni Grima. F'dan ir-rigward is-Sindku issugerixxa li l-Perit ghandu jaghmel survey ta' kazijiet bhal dawn madwar ir-rahal pero' fil-kaz tax-xoghol fi Triq Karmni Grima, dan ghandu jinbeda' immedjatament minhabba l-istat hazin li tinsab fiha. Din tkun ukoll uzata bhala sample tax-xoghol.

8.5 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk il-Kunsill jistax jimpjega persuna/i ohra. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma jistax jimpjega aktar persuni imma jista' juza biss servizzi fuq kuntratti. Is-Sindku kompla billi spjega li fil-prezent l-Kunsill ghandu zewg haddiema ta' l-ETC li wiehed minnhom jaghmel xoghol ta' messagier filwaqt ghandu z-zona tieghu fejn jiknes u jzomm nadif u haddiem iehor li huwa impjegat li jaqa' taht id-Diparitment tal-Gvern Lokali u li jiehu hsieb izomm nadif il-leisure park u l-playing field.

8.6 Carmen Vella qalet li fi Triq l-Gharb quddiem ir-residenza numru 3 u quddiem il-Gozo Glass hemm zewg bozoz jixghelu u jintfew filwaqt li hemm bozza ohra fl-ewwel sqaq fuq in-naha tax-xellug kif tibda' Triq Frangisk Portelli li l-anqas qeghda tixghel.

8.7 Emanuel Muscat semma li fi Triq San Pietru quddiem ir-residenza ta' John Buttigieg hemm bzonn ta' manutenzjoni fit-triq. Is-Sindku spjega li bhal fil-kaz tal-hajt ta' Sqaq il-Fgura huwa diga informa lil Ministeru

ghal Ghawdex kif ukoll lil Lorry Apap sabiex isiru dawn ix-xogholijiet pero' s'issa ghadu ma sar xejn.

8.8 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-ftuh tal-latrina pubblika fejn il-ground tal-football. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ghadu jrid jara l-budget qabel jiehu decizzjonijiet f'dan ir-rigward.

8.9 Carmen Vella staqsiet dwar il-problema ta' l-ilma ta' l-ewwel sqaq fuq in-naha tax-xellug kif tibda' Triq Frangisk Portelli. Is-Sindku spjega li f'dan ir-rigward triq issir talba lill-Ministeru ghal Ghawdex.

8.10 Is-Sindku talab lil-Vici Sindku sabiex jispjega lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-football ground. Il-Vici Sindku laqa' t-talba tas-Sindku. Il-Vici Sindku spjega li gew approvati fondi sabiex il-ground tal-football ikun jista' jsir bis-sytethic turf fejn il-Gozo Football Association ser tkun qeghda taghmel dan it-turf bil-play area li tkun ta' 90m x 45m. Dan ikun jista' jibda' jintuza minn teams ta' taht it-18 u 16 'il sena. It-total ta' l-ispiza hija stmata li ser titla' ghal €100,000.00 fejn il-Gozo Football Association ser tkun qeghda tohrog 80% tas-somma u l-bqija trid tinhareg mill-Club jew Kunsill.

Is-Sindku spjega li bhala Kunsill hu ppropona lill-Gozo Football Association sabiex jekk il-Kunsill jiddeciedi li jidhol ghal dan il-progett ikunx possibli li l-parti tal-Kunsill tithallas fuq medda ta' 10 snin pero' min-naha tal-Gozo Football Association ma kienx hemm qbil fuqha. Il-Vici Sindku ippropona li jekk il-Kunsill jiddeciedi tista' ssir fuq medda ta' 5 snin li f'dan il-kaz ikun possibli. Huwa zied jghid li saru diversi xogholijiet madwar ir-rahal u li fl-opinjoni tieghu issa wasal iz-zmien li l-Kunsill jidhol ghal dan il-progett sabiex it-team tal-football u l-isports fir-rahal ma jmutux. Huwa qal ukoll illi jekk il-Kunsill ma jidholx ghal dan il-progett u ser jintilfu l-flus peress li l-Gharb Rangers F.C. mhumiex f'posizzjoni finanzjarja li jidhlu ghaliha. Is-Sindku spjega li trid tinstab soluzzjoni sabiex ikunu jistghu jinstabu l-fondi mehtiega jigifieri ta' €4000.00.

8.11 Lisa Marie Brooke issugerit li kull meta jintuza minn xi team dan ihallas kera ta' l-uzu tal-ground.

8.12 Emanuel Muscat staqsa dwar possibilita' ta' loan f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li dan ma tantx jidher li huwa possibli ghal fatt li l-Kunsill diga ghandu load fir-rigward tac-Civic Centre.

8.13 Is-Sindku issugerixxa li peress li m'huwiex possibli min-naha ta' l-Gharb Rangers li ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, dawn ghandhom jitkomplew jithallsu mill-Kunsill kif qieghed isir fil-prezent u issir ftehim dwar id-dhul mill-uzu tal-ground.

Portelli D.

8.14 Is-Sindku kompla jghid li jrid jigi identifikat mod ta' kif ikun hemm kontrol fuq l-uzu tal-ground u li ghandu jsir ftehim bejn il-Kunsill u l-Gharb Rangers F.C. Il-ground ghandu ikun maqful u miftuh biss b'prudenza u b'awtorizazzjoni.

8.15 Il-Vici Sindku issugerixxa li bhala Gharb Rangers F.C. jistghu jzommu lill-players barrani taghhom sabiex ikun responsabbli u jiehu hsieb din iz-zona. Is-Sindku gibet l-attenzjoni li minkejja li din tista' tkun ideja tajba hemm il-problema li jekk dan il-player jitlaq f'Gunju l-kuntratt ma jkunx jista' jigi aktar onorat u jinholoq inkonvenjent.

8.16 Is-Sindku kompja jghid li minkejja li dawn il-kuntratti jistghu jintrebhu mill-Ghaqdiet Lokali wara li ikunu ippublikati l-offerti. Kulhadd jaqbel li dawn l-ghaqdiet jaghmlu hafna xoghol voluntarju u jahdmu ghall-gid tar-rahal pero' wiehed irid joqghod attent li x-xoghol li jinghata lilhom ikun wiehed li jistghu ilahhqu mieghu u mhux xoghol zejjed li ma ilahhqux mieghu u b'hekk jinholqu problemi. Is-Sindku issugerixxa sabiex f'dan ir-rigward issir laqgha mall-kumitat ta' l-Gharb Rangers F.C. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi mistieden il-kumitat ta' l-Gharb Rangers F.C. ghal-laqgha li jmiss.

8.17 Emanuel Muscat staqsa dwar il-haxix hazin li kiber madwar iz-zona tal-Leisure Park. Is-Sindku spiega li l-haddiem Raymond Rotin qed jiehu hsieb sabiex izomm din iz-zona nadifa.

8.18 Il-Vici Sindku staqsa dwar jekk il-haxix hazin hux ser johloq problema lit-tapit tat-turf peress li dan jikber anke fix-xhur tas-sajf. Is-Sindku qal li skond kif ser isiru x-xogholijiet mhux probabbli li ser ikun hemm xi problemi.

**7.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

7.1 Is-Sindku spjega li x-xogholijiet fuq il-kampnar tal-Knisja miexi kif indikat.

7.2 Is-Sindku kompja jispjega li fir-rigward tax-xogholijiet fuq il-faccata tal-Knisja gie approvat l-amendmend min-naha tal-MEPA. L-unika problema li tezisti qeghda minhabba r-rampa peress li l-Kuntrattur li diga kien haseb u xtara l-*light fittings* skond id-dizinn ta' l-Inginier pero' qed isiru diskussjonijiet minhabba li din l-imsemmija rampa ser tkun qeghda itellef l-*uplighters*. Jidher li din ir-rampa ma tistax tinqala l-barra u ghalhekk attwalment l-Perit u l-Inginier qeghdin jiddiskutu bejniethom x'soluzzjoni tista' tinsab biex tigi solvuta din il-problema.

7.3 Emanuel Muscat issugerixxa li r-rampa tkun xibka sabiex id-dawl jghaddi minnha. Is-Sindku spjega li dan ma jidhirx li huwa possibli peress li l-wicc ser issir tal-injam. Il-Perit u l-Inginier qeghdin jaraw din is-sitwazzjoni bejniethom sabiex id-dawl jsir b'mod professjonali u

b'hekk ix-xogholijiet isiru b'mod korett kif mitlub. Is-Sindku qal li soluzzjoni ohra tista' tkun li tpoggi *floodlights* minn fuq il-bini tar-residenzi tal-madwar.

7.4 Fir-rigward tax-xogholijiet tas-shelter gie spjegat ix-xoghol ser ikun konkluz hekk kif jassal il-materjal min barra.

7.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma gewx moghtija fondi taht it-tieni sejha. Huwa zied jghid li ghal dan il-ghan it-trakka li kellha ssir madwar il-ground tal-football ma tistax issir bi tlett lanes peress li l-fondi ma humiex bizzejjed. L-unika soluzzjoni hija li ssir trakka tal-mixi li tkun wisa' metru u nofs. Meta ssir din it-trakka tkun qeghda issolvi l-problema tat-turf u barra minnhekk is-servizzi tad-dawl u ohrajn maghhom ikunu jistghu jghaddu minn taht it-trakka.

7.6 Emanuel Muscat staqsa dwar il-materjal li irid jintuza ghal din it-trakka. Is-Sindku spjega li ghal trakka tal-mixi tarmak ikun sewwa.

7.7 Il-Vici Sindku staqsa dwar x'jahseb il-Perit Bonello f'dan ir-rigward. Is-Sindku spjega li l-Perit jippreferi aktar trakka tal-jogging pero' finanzjarjament dan mhuwiex possibli.

7.8 Is-Sindku spjega li l-ewwel irid isir il-levelling tal-ground u wara tkun tista' issir it-trakka segwita bit-turf fuq il-ground. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li ghandha tintalab l-opinjoni tal-perit u tal-Managing Authority biex naraw jekk tridx tinhareg offerta' ohra f'dan ir-rigward.

7.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni M125 2nd Call giet approvata sabiex issir it-triq ta' Wied ir-Raghab. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi sottomessa applikazzjoni ghall-Ko-Finanzjament f'dan ir-rigward.

## 10. Skeda ta' Hlasijiet

10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. B'zieda ma' din l-iskeda gew approvati ukoll il-hlas tar-rampa tad-disabled liema fondi kienu inghataw mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Familja u Solidarjeta' Socjali kif ukoll hlas ghall-ispejjez tal-petrol tal-haddiem tal-Kunsill Peter Paul Portelli.

10.2 Il-Vici Sindku staqsa dwar x'jikkonsistu l-kontijiet ta' Rapa Showrooms. Is-Sindku spjega li kif jidher fuq l-istess kontijiet annessi ma' l-iskeda dawn ikunu materjal li jigu bzonn il-haddiema sabiex ikunu jistghu jaghmlu diversi xogholijiet.

10.3 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont tal-Grand Hotel. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li dan kien kont li bi zvista l-Grand Hotel

ma kienetx inkludietu fl-istatements taghha meta' intbghatu l-kontijiet u li l-Kunsill gie avvicinat sabiex jithallas dan il-kont.

10.4 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont ta' Joe Theuma. Is-Sindku spjega li dawn kienu extras pendenti tax-xogholijiet u li kien ghadu ma thallax taghhom.

## 11. Korrispondenza u kontinwazzjoni ta' materji ohra

11.1 Is-Sindku spjega li il-kuntrattur li ssottometta l-offerta' tac-CCTV Cameras kif kien suggerit nizel ghall-prezz ta' €4,000.00 jigifieri skond il-budget tal-Kunsill billi ghamel modifiki zghar.

11.2 Lisa Marie Brooke gibdet l-attenzjoni li l-Camera ta' Wied il-Mielah m'ghadiex tahdem. Is-Sindku spejga li bhalissa fil-fatt ghaddejja Claim mac-Citadel Insurance peress li inharaq l-apparat u ghalhekk li din mhux qeghda tahdem.

11.3 Il-Kunsill gie infurmat li l-Compass Insurance m'ghandiex tirraprezenta c-Citadel Insurance imma l-AllCare Insurance. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' juza' s-servizzi tal-Compass Insurance.

11.4 Is-Sindku spjega li wara diskussjoni mall-kuntratt gie innotat li l-ahjar post fejn jehlu c-cctv cameras ghal istreaming huwa fil-board room. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

11.5 Minghand l-Arcipriet fejn gie il-Kunsill gie mitlub sabiex jibghat persuna biex tkun tista' tiftah il-muzew, ghajnuna fil-promozzjoni tal-muzew, dawl fic-Cimiterju twaqqif ta' irhama mad-dar fejn kien jghixu l-hames sacerdoti ahwa Portelli. Saret diskussjoni fuq din il-korrispondenza fejn gie innotat li l-impjegat tal-Kunsill Sandro Cauchi kien jghin fil-ftuh tal-muzew u dan b'self lill-parrocca. Ikun innutat li fil-prezent mhux possibli li jintbghat minhabba li l-istaff huwa limitat fil-Kunsill. Min-naha l-ohra fir-rigward tad-dawl tac-cimiterju din hemm kwistjoni ghaddeja mall-MEPA sabiex ikun jista' jixghel id-dawl li twahhal.

11.6 Minghand il-Gozo Action Group fir-rigward tal-Applikazzjoni M125 2nd Call fejn il-Kunsill gie mgharraf li ser jinghata fondi sabiex tkun tista' ssir it-triq ta' Wied ir-Raghab.

11.7 Minghand il-MEPA b'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp numru PA56/14.

11.8 Minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li intlaqghet it-talba sabiex jigedded il-kuntratt tal-Hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

11.9 Minghand il-Fondazzjoni Arka fejn il-Kunsill gie irringrazzjat ta' l-ikel li offra lill-persuni b'dizabilita' waqt l-inawgurazzjoni tar-rampa tac-Centru Parrokkjali li saret il-Hadd 29 ta' Dicembru, 2013.

11.10 Minghand Education Audiovisual and Culture Executive Agency fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni sottomessa ghal Town Twinning ma gietx milqugha.

11.11 Minghand s-Segretarju Ezekuttiv Joanne Apap Attard fejn hija talbet lill-Kunsill l-approvazzjoni ghal Parental Leave jekk la darba tiddeciedi li tiehu l-Partental Leave. Is-Sindku iddikjara li ghandu interess familjari u irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ippresieda l-Vici Sindku. Il-Kunsill approva t-talba tas-Segretarju Ezekuttiv.

11.12 Minghand il-Gozo Action Group fir-rigward ta' l-applikazzjoni sottomessa taht il-Mizura 313 2nd Call fejn il-Kunsill qieghed bhala riserva.

## 12.0 Aggornament

12.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 17 ta' Frar, 2013.

12.2 Il-laqgha spiccat hin 6.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv